MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 447/2007

**Jesmond u Marisa konjugi Pulo**

**vs**

**Robert Wubbels**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ sitt mija u erbghin liri Maltin (Lm 640), rapprezentanti bilanc minn somma ikbar rapprezentanti l-prezz ta’ depozitu mhallas lilu mir-rikorrenti in konsiderazzjoni ta’ kcina ordnata mir-rikorrenti u liema kcina qatt ma giet ikkonsenjata skond skrittura privata tas-17 ta’ Marzu, 2005.

Bl-ispejjez u bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat minn Dr. Luciano Busuttil fid-29 ta' Ottubru, 2007 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------